MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru 980/2006

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
MARTIN CILIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Martin Cilia ta' Martin Cilia ta' 41 sena, bin Emanuel u Filippa nee' Xerri, imwieled Zebbug fis- 7 ta' Frar 1965, residenti fi Flat 1, Pavillion Court, Triq l-Insell, Bugibba*,* detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 129265M.

Illi hu akkuzat talli fid- 29 ta' Mejju 2006 ghal- habta tas- 6:00 am fl- ghassa tal- pulizija Qawra, iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil- qerq holoq tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar.

Illi fl- istess cirkostazi, bil- hsieb li jaghmel hsara lil Francis Willoughby akkuzajtu quddiem awtorita kompetenti b' reat ta' theddid b' ordni jew kondizzjoni, filwaqt li kien jaf li dik il- persuna hija innocenti.

Illi b' hekk hu jitqies li sar recediv ghat- termini ta' l- artikoli 48 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundanat ghar-reati b' diversi sentenzi mill- Qrati tal- Magistrati li saru defenittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 13 u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja a fol 8 u 9;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l- imputat gie mixli mill-Prosekuzzjoni li ddenunzja reat lil Pulizija Ezekuttiva li kien jaf li ma sarx jew holoq tracci ta' reat b' mod li setghu inbdew proceduri kriminali kontra tez u b' theddid.

Illi din il- Qorti semghet ix- xhieda ta l- Ispettur Cordina, a fol 10, li kkonferma r- rapport tal- kwerelant Francis Willoughby fix- xhieda tieghu minn fol 10 sa 12. L- istess Spettur Cordina esebixxa l- istqarrija imputat JC 1 minn fol 14 sa fol 15 kif wkoll okkorenza JC 2 ara fol 16 sa 17. Irid jinghad illi l- imputat cahad kull allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu bl- aktar mod assolut.

John Zammit a fol 23 ikkonferma li kellu diversi break-downs tal- karozza tieghu San Pawl il- Bahar u jiftakar li kellhu wahda sena qabel ma xehed il- Qorti f' San Pawl il-Bahar quddiem Gormina. Huwa xehed li rcieva telefonata

minn ghand persuna illi qallu biex jaccerta illi jitla l- Qorti u jixhed. Zammit xehed illi huwa hadha qisha b' cajta u qallu ok.

PS 342 Johann Said ircieva rapport minn ghand l- imputat li kien nizel ragel b' karozza DAE 985 u heddu bil- kliem 'itla l- Qorti ghax nisparalek'. PS Said xehed li kien cempel il- kumpanija tat- towing koncernata u qaluli li Francis Willoughby kien qieghed b din il- karozza ta t-towing koncernata. Giet esebita Dok PS okkorenza.

Illi minkejja sensiela ta' differiment sabiex Willoughby jaghti t- testimonjanza tighu, l- Proskuzzjoni qatt ma rnexxielha tharrek lil imsemmi Willoughby.

Illi l- imputat ghazel li ma jixhedx u ghazel li ma jressaq l-ebda prova ohra.

Ikkonsidrat:

Illi din il- Qorti taghraf illi l- Prosekuzzjoni naqset mili tipprova l- kaz taghha stante li l- unika prova li ghandha huwa rapport maghmul lil Pulizija. In vista ta dan, il- Qorti m' ghanda ebda alternattiva ghajr li ssib lil imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------